MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 994/2007

**Beatrice Meilak Brunetti**

**vs**

**George Sciberras**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Beatrice Meilak Brunetti fejn din, wara li ppremettiet illi:

Fl-1 ta' Mejju 2004, waqt li hija kienet passiggiera fil-vettura misjuqa u proprjeta' tal-konvenut, tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CBI 729, huwa tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' diehel go arblu, liema incident sehh fi Triq Hal Far, Birzebbugia;

It-tort ta’ dan l-incident huwa unikament tal-konvenut u dan peress li l-istess konvenut kien negligenti u traskurat u naqas milli jiehu d-dovuti prekawzjonijiet;

Konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attrici qed issofri minn dizabilita’ permanenti, danni attwali kif ukoll dawk futuri lucrum cessans hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

L-istess konvenut u l-assikurazzjoni tieghu Elmo Insurance gew interpellati biex ihallsu d-danni izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

L-attrici taf dawn il-fatti personalment.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh fi Triq Hal Far, Birzebbugia fl-1 ta’ Mejju 2004, li fih sfat korruta l-attrici.

Tiddikjara li l-attrici sofriet danni u cioe’ damnum emergens u lucrum cessans bhala rizultat tal-incident.

Tillikwida dawn id-danni kollha sofferti mill-attrici minhabba dan l-incident okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dawk id-danni li jigu hekk likwidati flimkien mal-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Mejju 2005, kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ George Sciberras, li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta skond l-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bla pregudizzju ghall-premess, ukoll preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta skond l-Art. 2154(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bla pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo, ma garax tort tal-esponent.

It-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tkun rigettata ukoll stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretiz mir-rikorrenti huwa kontestat u ghaldaqstant, ir-rikorrenti ghandha taghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

It-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda billi l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat illi l-konvenut f'din il-kawza jsostni li l-azzjoni tal-attrici hija preskritta a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"*2153. L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn.*"

Jirrizulta illi l-incident stradali li fih korriet l-attrici sehh fl-1 ta' Mejju 2004. Jirrizulta ukoll illi fit-2 ta' Mejju 2006 giet registrata ittra gudizzjarja mir-rikorrenti odjerna fil-konfront tal-intimat. L-ittra giet lilu notifikata fil-5 ta' Mejju tas-sena 2006. Il-Qorti tinnota li dubju li seta' kien hemm dwar il-kopja tal-ittra esebita in atti, u senjatament dwar is-sena kif riprodotta fit-timbri fuq l-ittra u r-riferta gie effettivament imxejjen bix-xhieda tas-Sur Frank Mercieca, Registratur

tal-Qrati, li esebixxa fil-Qorti kopji tar-records mis-sistema tal-computer tar-Registru li urew bla dubju li l-ittra ufficjali de quo giet prezentata fit-2 ta' Mejju 2006. Ghalhekk, l-ittra li fil-fatt giet prezentata fir-Registru u sussegwentement notifikata m'hijiex dik esebita mill-attrici a fol. 36 tal-process.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez jithallsu minn Beatrice Meilak Brunetti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------